**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Kawża Numru 5387/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Kitcher)**

**vs**

**Andre` Calleja**
**(Detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 0210294(M))**

**Illum, 1 ta' Settembru 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Andre` Calleja**, iben Carmel u Isabella nee` Grech, residenti fil-fond 25, Triq id-Dejqa, Bormla, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0210294(M) u mwieled il-Pieta` nhar il-5 ta' Mejju 1994;

Akkużat talli nhar il-21 ta' Lulju 2023 bejn il-ħinijiet tad-9.30 u 12.00 hrs, ġewwa Ġnien Pawlu Boffa li jinsab fi Triq il-Knisja, Raħal Ġdid:

1. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna tas-sindku ta' Raħal Ġdid, Dominic Grima, wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali;

2. Ġarr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta’ Malta ossia l-Att dwar l-Armi;

3. Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku billi kkawża biża’ fl-impjegati tal-Kunsill Lokali li kienet se tintuża xi vjolenza fuqhom bis-sikkina li kellu f’idu u dan bi ksur tal-Artikolu 388(dd) tal-Kodiċi Kriminali;

4. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29);

5. Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded billi qabad arma kontra n-nies u dan bi ksur tal-Artikolu 339(b) tal-Kodiċi Kriminali;

6. Għamel inġurja u theddid indirizzati lejn l-imgħallem tiegħu, AB fejn hedded li jrid joqtlu u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta għas-sigurta` tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, partikolarment AB, BC, CD, DE, EF, FG, GH u HI u/jew ta’ xhieda li se jixhdu fil-kawża.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu fil-preżentata tiegħu taħt arrest fl-udjenza tat-23 ta’ Lulju 2023, liema ammissjoni huwa kkonfermaha u dan wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta’ din l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa’ jaħsibha u jerġa’ lura minnha[1];

[1] Ara a fol. 4 u 5 tal-proċess.

Semgħet lill-Uffiċjal tal-*Probation* Donnalise Camilleri, maħtura sabiex tirrediġi *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat u dan fl-udjenza tal-11 ta' Awwissu 2023[2];

Semgħet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni min-naħa l-waħda l-ammissjoni tal-imputat fl-istadju l-iżjed bikri ta' dawn il-proċeduri.

Qed tqis ukoll mill-banda l-oħra n-natura tar-reati odjerni u ċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu nhar it-22 ta' Lulju 2023. Qed tqis in oltre l-fedina penali tal-istess imputat kif aġġornata sat-22 ta' Lulju 2023, mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati tar-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali in konnessjoni ma' reat simili għal dawk tal-lum, dwar liema huwa tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* u Ordni ta' Trattament għall-perjodu ta' sena, oltre illi nħarġet Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tiegħu.

Tqis ukoll ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* fl-udjenza tal-11 ta' Awwissu 2023, mil-liema jirriżulta illi nhar it-3 ta' Lulju 2023, l-imputat ingħata sentenza ta' priġunerija sospiża in konnessjoni ma' akkużi simili ta' theddid u nġurja fuq uffiċjal pubbliku, dwar liema, il-Qorti tinnota illi l-Prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjoni relevanti qabel ġew moqrija l-imputazzjonijiet odjerni. Skont l-Uffiċjal tal-*Probation,* meta tkellmet mal-imputat, innutat illi huwa ma kienx qed juri rimors jew dispjaċir dwar l-imġieba tiegħu, iżda ttenta jiġġustifika tali mġieba fid-dawl tal-problemi finanzjarji li huwa għaddej minnhom b'kawża tal-vizzju tad-droga li għandu, u r-rabja tiegħu għall-fatt illi baqa' ma tħallasx ta' xogħlu. Il-Qorti tinnota illi dan in-nuqqas ta' rimors jirriżulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar it-22 ta' Lulju 2023. L-Uffiċjal tal-*Probation* tixhed ukoll illi skont l-imputat, huwa ilu juża d-droga, għall-ewwel il-kokaina, imbagħad l-eroina u l-kannabis, minn meta kellu ħmistax-il (15) sena, liema użu kien għadu għaddej u kien ta' kuljum, tant illi meta daħal ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi huwa nstab pożittiv għall-eroina, kokaina u kannabis. Għalkemm fil-passat fittex l-

[2] Ara a fol. 31 *et seq* tal-proċess.

għajnuna mill-Aġenziji Caritas u Sedqa, il-kuntatt ma kienx wieħed kontinwu u qatt ma daħal ġewwa programm ta' rijabilitazzjoni, oltre illi fil-preżent m'hemmx kuntatt mal-istess Aġenziji. Kellu wkoll diffikulta` sabiex isib impjieg u dan minħabba t-*tattoos* li għandu fuq wiċċu. Da parti tagħha, l-Uffiċjal tal-*Probation* xehdet illi minkejja li l-imputat wera koperazzjoni magħha, irriżulta b'mod ċar illi kien hemm il-ħtieġa li jaħdem fuq diversi aspetti f'ħajtu, b'mod partikolari l-problema serja tad-droga u dan sabiex ikun f'qagħda stabbli kemm għall-fini ta' mpjieg, kif ukoll f'ħajtu b'mod ġenerali. Fid-dawl ta' dawn il-fatturi, u kemm sabiex tiġi salvagwardjata s-sigurta` tiegħu, kif ukoll is-sigurta` tas-soċjeta`, l-Uffiċjal tal-*Probation* irrakkomandat illi l-imputat jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva, b'dan ukoll illi waqt li jkun qed jiskonta din is-sentenza huwa jidħol f'kuntatt ma' waħda mill-Aġenziji li joffru l-għajnuna kontra l-vizzju tad-droga u jħejji ruħu għall-programm residenzjali, oltre illi jingħata għajnuna psikoloġika għall-problema ta' rabja li huwa għandu.

Tqis in oltre illi fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża ssottomettiet illi l-imputat kien qed jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-*Probation* u dan stante illi rrikonoxxa illi kien jeħtieġ li jindirizza l-problemi tiegħu, kif ukoll illi seta' jsib l-għajnuna li jeħtieġ ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi.

Fiċ-ċirkostanzi u tenut kont ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi piena ta' priġunerija hija piena idonea, u dan ukoll bit-tama illi l-imputat jifhem darba għal dejjem illi l-problemi jew id-diffikultajiet ma jissolvewx bil-vjolenza u illi jkun ta' ġid għalih illi jfittex l-għajnuna għall-vizzju tad-droga u l-problemi l-oħra li qed iwassluh sabiex ixellef diffrejh mal-ġustizzja.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), (d), (f) u (h), 95, 325(1)(d), 338(dd), 339(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Andre` Calleja** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **erba' (4) xhur priġunerija effettiva** - li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan il-każ – u **multa komplessiva ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500)**.

Ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-konfiska tas-sikkina esebita bħala Dokument KG 6.

Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta` tas- AB, BC, CD, DE, EF, FG, GH u HI, kif ukoll ta' AB, qegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin favur tagħhom kontra l-ħati **Andre` Calleja**, permezz ta' liema huwa qed jiġi pprojbit milli javviċinahom jew b'xi mod isegwi l-movimenti tagħhom u qed jiġi pprojbit ukoll milli jaċċedi ġewwa l-bini tal-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid. Tali Ordni għandha tibqa' fis-seħħ għal żmien tmintax-il (18) xahar mil-lum, liema żmien jibda jiddekorri mid-data tal-iskadenza tal-piena erogata b'din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u sempliċi, il-konsegwenzi skont l-Artikolu 382A(3) tal-Kodiċi Kriminali, kemm il-darba huwa jikser din l-Ordni.

Tordna komunika ta' din l-Ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Stante li ma nħatrux esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi illi l-ħati għandu jingħata l-għajnuna kollha neċessarja sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga u sabiex jindirizza l-problemi u/jew diffikultajiet li dwarhom xehdet l-Uffiċjal tal-*Probation.*

Tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-persuni li favur tagħhom inħarġet l-Ordni ta' Trażżin sabiex tipproteġi l-identita` tagħhom.

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**

**Oriana Deguara**
**Deputat Reġistratur**